# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/799

## tal-5 ta' Mejju 2017

## li taħtar tliet membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern ta' Ċipru,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 [1], (UE) 2015/190 [2] u (UE) 2015/994 [3] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fis-26 ta' Lulju 2016, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1233 [4], is-Sur Georgios GEORGIOU ġie sostitwit mis-Sur Kyriakos CHATZITTOFIS bħala membru u s-Sur Kyriakos CHATZITTOFIS ġie sostitwit mis-Sur Stavros YEROLATSITES bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Kyriakos CHATZITTOFIS, tas-Sinjura Louisa MAVROMMATI u tas-Sur Charalambos PITTAS saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Stavros YEROLATSITES, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Stavros STAVRINIDES bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Nikos ANASTASIOU, *Sindku tal-Muniċipalità ta' Kato Polemidia,*

— Is-Sur Andros KARAYIANNIS, *Sindku tal-Muniċipalità ta' Deryneia,*

— Is-Sur Stavros STAVRINIDES, *Kunsillier Municipali tal-Muniċipalità ta' Strovolos,*

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Kyprianos ANDRONIKOU, *Sindku tal-Muniċipalità ta' Dromolaxia — Meneou,*

— Is-Sur Theodoros ANTONIOU AVVAS, *Sindku tal-Muniċipalità ta' Mesa Yitonia.*

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1233 tas-26 ta' Lulju 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 202, 28.7.2016, p. 41).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. GRECH